IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 21.2.2023
COM(2023) 103 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inklużiva

{SWD(2023) 103 final}

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Il-politika komuni tas-sajd illum u għada: Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani lejn ġestjoni tas-sajd sostenibbli, ibbażata fuq ix-xjenza, innovattiva u inklużiva

1. INTRODUZZJONI

L-għan tal-politika komuni tas-sajd (PKS) huwa li tiżgura s-sostenibbiltà fit-tul għas-sajd u għall-akkwakultura, id-disponibbiltà tal-provvisti tal-ikel u standard tal-għajxien ġust għall-komunitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. Dan jinkludi lil kull min huwa involut fil-katina tal-valur kollha, sabiex tiġi ppreservata n-nisġa soċjoekonomika tal-komunitajiet kostali.

Billi tikkombina l-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, il-PKS kienet prekursur tal-Patt Ekoloġiku Ewropew[1] u tal-istrateġiji relatati[2] tiegħu. Min-naħa tiegħu, il-Patt Ekoloġiku Ewropew saħħaħ l-approċċ tal-PKS, filwaqt li enfasizza l-kontribut triplu tas-sajd u tal-akkwakultura għall-ekonomija u għall-impjiegi tar-reġjuni kostali, għas-sigurtà tal-ikel fl-UE u għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

Illum, l-ibħra tagħna, u l-bijodiversità rikka tagħhom li n-nisġa soċjoekonomika tiddependi fuqha, qegħdin jiffaċċjaw ħafna sfidi kumplessi. Qegħdin jiffaċċjaw l-effetti tal-attivitajiet marittimi, tat-tniġġis (eż. l-arrikkiment tan-nutrijenti u l-kontaminanti, l-iskart tal-baħar, inklużi l-plastik u l-mikroplastiks, l-istorbju taħt l-ilma, eċċ.), u tat-tibdil fil-klima (bħat-tixrid ta' speċijiet mhux indiġeni). Il-PKS u s-settur tas-sajd għandhom jagħmlu l-parti tagħhom, iżda ma jistgħux jindirizzaw dawn l-isfidi waħedhom. Huwa daqstant essenzjali li jiġi indirizzat l-impatt tal-pressjonijiet umani minbarra s-sajd fuq l-ambjent tal-baħar u li jiġi ffaċilitat ir-restawr ta' oċeani f'saħħithom li fuqhom jiddependu s-sajjieda u l-komunitajiet kostali tal-UE.

Dan jeħtieġ approċċ integrat li jkun koerenti ma' oqsma ta' politika oħrajn, bħall-politiki ambjentali, agrikoli u tal-enerġija. L-implimentazzjoni tal-fergħat kollha tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, u b'mod partikolari l-"Pjan ta' Azzjoni ta' Tniġġis Żero"[3], huma kruċjali f'dan ir-rigward. Pereżempju, fil-Baltiku, l-ewtrofikazzjoni u t-tniġġis kellhom impatt serju fuq is-sostenibbiltà tal-ambjent tal-baħar, inklużi l-istokkijiet tal-ħut. Huwa evidenti li l-miżuri ta' ġestjoni tas-sajd waħedhom ma humiex biżżejjed sabiex itejbu s-sitwazzjoni. Għalhekk, il-partijiet ikkonċernati fl-oqsma ta' politika kollha ngħaqdu flimkien sabiex jindirizzaw sfidi komuni, kif muri mill-iffirmar tad-"Dikjarazzjoni Baltika Tagħna"[4]. Fil-Mediterran u fil-

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew COM/2019/640 final.

2 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija "Mill-Għalqa sal-Platt" għal sistema tal-ikel ġusta, tajba għas-saħħa u favur l-ambjent, COM/2020/381 u l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna, COM/2020/380

3 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Perkors għal Pjaneta b'Saħħitha għal Kulħadd Pjan ta' Azzjoni tal-UE: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" (COM/2021/400 final)

4 https://commission.europa.eu/system/files/2020-09/ministerial_declaration_our_baltic_conference.pdf

Baħar l-Iswed, l-effetti negattivi tat-tniġġis fuq l-ambjent tal-baħar huma ta' tħassib partikolari. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni Ġenerali tas-Sajd għall-Mediterran (GFCM) se tiżviluppa strateġija ta' adattament reġjonali sabiex jiġu indirizzati l-effetti potenzjali tat-tniġġis, inkluż it-tniġġis tal-plastik, l-istorbju taħt l-ilma, l-irkaptu tas-sajd abbandunat, mitluf jew skartat mod ieħor, kif ukoll in-nutrijenti u l-kontaminanti.

L-iskop ta' din il-Komunikazzjoni huwa li tirrapporta dwar il-funzjonament tal-PKS, kif previst fl-Artikolu 49 tar-Regolament PKS, u li tistabbilixxi viżjoni u perkors lejn sajd sostenibbli u reżiljenti tal-futur. Tikkomplementa l-pjan ta' azzjoni dwar il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti[5] (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar) u l-Komunikazzjoni dwar it-Tranżizzjoni tal-Enerġija tas-settur tas-Sajd u tal-Akkwakultura tal-UE[6] (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-inizjattiva għat-tranżizzjoni tal-enerġija) li jidentifikaw u jipprijoritizzaw azzjonijiet konkreti meħtieġa sabiex jiġu indirizzati sfidi speċifiċi għas-sajd, għall-ambjent u għall-klima. Barra minn hekk, rapport immirat jipprovdi valutazzjoni komprensiva tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq (OKS)[7].

Din il-Komunikazzjoni għandha tinqara flimkien mad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjaha, li jipprovdi għarfien aktar dettaljat dwar l-istat kurrenti tal-implimentazzjoni tal-PKS, filwaqt li tibni fuq proċess ta' konsultazzjoni estensiv li sar minn Diċembru 2021, fuq diversi studji, fuq riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew, u fuq kontributi mill-Kunsill u mill-Istati Membri.

2. NAGĦTU S-SETGĦA LIN-NIES FIL-KOMUNITAJIET TAS-SAJD U TAL-AKKWAKULTURA

Is-sajd u l-akkwakultura huma professjonijiet bi tradizzjoni twila b'għeruq fondi fil-wirt kulturali Ewropew. Skont ir-Rapport Ekonomiku Annwali dwar il-Flotta tas-Sajd tal-UE[8], fl-2020 aktar minn 124 630 sajjied kienu impjegati fis-sajd kummerċjali tal-UE, ekwivalenti għal 82 272 ekwivalenti għall-full time (FTE). Skont l-aħħar Rapport Ekonomiku dwar l-akkwakultura tal-UE, fl-2018 in-numru ta' impjegati u ta' FTEs fis-settur tal-akkwakultura tal-UE kien stmat li kien 69 000 u 39 000, rispettivament[9]. Kemm is-sajd kif ukoll l-akkwakultura jikkontribwixxu għall-iżgurar ta' varjetà wiesgħa ta' ikel u jipprovdu impjiegi f'ħafna komunitajiet kostali. Għalhekk, id-dimensjoni soċjali tal-politika għandha tingħata attenzjoni partikolari.

---

5 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni - Pjan ta' Azzjoni tal-UE: Il-protezzjoni u r-restawr tal-ekosistemi tal-baħar għal sajd sostenibbli u reżiljenti, COM(2023)102

6 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura tal-UE, COM(2023)100

7 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - L-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-OKS, COM(2023)101

8 Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, *The 2022 annual economic report on the EU fishing fleet (STECF 22-06)*, Virtanen, J.(editur), Guillen, J.(editur), Prellezo, R.(editur), Sabatella, E.(editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

9 Il-Kummissjoni Ewropea, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) – The EU Aquaculture Sector – Economic report 2020 (STECF-20-12). EUR 28359 EN, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021

L-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tagħraf ir-rabta b'saħħitha bejn persuni f'saħħithom, soċjetajiet f'saħħithom u pjaneta f'saħħitha u l-ħtieġa li jiġi żgurat l-għajxien tal-produtturi primarji sabiex issir tranżizzjoni b'suċċess għal sistema tal-ikel tal-UE sostenibbli. Għalhekk, il-provvista ta' impjiegi sostenibbli għas-sajjieda u għall-produtturi tal-akkwakultura u għal dawk kollha involuti fil-katina tal-valur tiddependi fuq l-użu sostenibbli tar-riżorsi akkwatiċi. Hija meħtieġa analiżi integrata tad-dimensjoni soċjali tas-sajd tal-UE, sabiex id-*data* dwar l-impjiegi, il-ġeneri, it-taħriġ vokazzjonali jew dwar id-dipendenza tal-popli fuq l-attivitajiet tas-sajd tkun tista' titqies b'mod aktar effettiv minn dawk li jfasslu l-politika meta jipproponu miżuri ta' konservazzjoni fil-ġestjoni tas-sajd.

It-tiġdid ġenerazzjonali huwa kruċjali jekk irridu niżguraw li s-settur tas-sajd, tal-akkwakultura u tal-ipproċessar tal-UE u l-komunitajiet kostali jkollhom futur vijabbli. Madankollu, dan jista' jseħħ biss jekk is-settur jitqies bħala attraenti, jekk il-kundizzjonijiet tax-xogħol diffiċli jittejbu permezz tal-innovazzjoni, jekk l-ambjent tal-baħar jinżamm bijodivers, nadif u f'saħħtu, u jekk is-soċjetajiet tagħna jirrikonoxxu lis-sajjieda u lill-produtturi tal-akkwakultura għall-professjonaliżmu u għas-servizz li jipprovdu. Is-sajd irid jiġi promoss bħala għażla ta' karriera attraenti, bis-sajjieda li jitqiesu bħala "kustodji tal-baħar". Hemm bżonn li tiġi enfasizzata wkoll il-possibbiltà li wieħed jgħix stil ta' ħajja fil-beraħ jew opportunitajiet għal arranġamenti tax-xogħol innovattivi, bħall-irbit tal-produzzjoni mal-bejgħ dirett jew mat-turiżmu. B'mod simili, huwa kruċjali li jissaħħaħ u jiżdied ir-rikonoxximent tar-rwol importanti tan-nisa fil-katina tal-valur kollha tal-frott tal-baħar tal-UE, mill-ġenerazzjoni tal-ġid u tal-impjiegi sal-użu sostenibbli u l-konservazzjoni tar-riżorsi akkwatiċi.

Il-PKS tipprovdi għodod li jistgħu jgħinu sabiex tittejjeb l-attraenza tas-sajd u tal-akkwakultura bħala professjoni. Pereżempju, il-ġestjoni sostenibbli tas-sajd tiżgura d-disponibbiltà fit-tul ta' stokkijiet ta' ħut f'saħħithom, li hija prekundizzjoni għall-istabbiltà tan-negozji. Il-PKS tagħti wkoll rwol prominenti lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi, u tippermetti lilhom u lill-membri tagħhom jiżviluppaw azzjonijiet imfasslin apposta u jsaħħu l-post tal-operaturi fil-katina tal-valur ġenerali. Barra minn hekk, il-kunsiderazzjoni tal-impatti soċjoekonomiċi fid-deċiżjonijiet ta' ġestjoni tippermetti standard tal-għajxien ġust għal dawk li jiddependu mill-attivitajiet tas-sajd. Il-baġit tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura (FEMSA)[10] u l-iżvilupp lokali mmexxi mill-komunità (CLLD) tiegħu, jipprovdi appoġġ finanzjarju sinifikanti[11] għat-titjib tal-kundizzjonijiet tas-sikurezza u tax-xogħol, għall-iżvilupp tal-ħiliet, għall-kondiviżjoni tal-għarfien u sabiex is-settur isir aktar reżiljenti b'mod ġenerali.

Politiki oħrajn tal-UE għandhom rwol x'jaqdu fiż-żamma tal-attraenza tas-settur u, b'hekk, fl-iżgurar ta' futur prosperu għall-komunitajiet Ewropej tas-sajd u tal-akkwakultura. Lil hinn mill-PKS, il-leġiżlazzjoni tal-UE ssegwi standards internazzjonali ambizzjużi dwar is-sikurezza u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fis-settur tas-sajd, inkluż it-taħriġ għall-ekwipaġġi tas-sajd[12]; sforzi sabiex jiġu eradikati l-iskjavitù moderna u s-sajd illegali, mhux irrappurtat u

[10] Ir-Regolament (UE) 2021/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1004

[11] 10 % tal-allokazzjoni kondiviża totali tal-FEMSA

[12] Adottati fil-qafas tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jew tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO), b'mod partikolari fil-qafas tal-Konvenzjoni dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (il-Konvenzjoni STCW-F).

mhux irregolat (IUU) u sabiex jiġi promoss l-iżvilupp ta' standards soċjali fid-dinja kollha. Dawn l-isforzi jrawmu l-kooperazzjoni internazzjonali[13] u jikkontribwixxu għal kundizzjonijiet ekwi globali u għal kompetizzjoni ġusta ma' pajjiżi mhux tal-UE. Jippromwovu wkoll livell għoli ta' ambizzjoni għall-iżvilupp sostenibbli tas-swieq tas-sajd u tal-akkwakultura fi ftehimiet ta' kummerċ ħieles.

L-atturi kollha fil-qasam jikkontribwixxu għall-profittabbiltà u għall-attraenza tal-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. Is-settur jeħtieġ li jagħmel użu mill-għodod kollha disponibbli sabiex iġib il-bidla permezz tal-innovazzjoni, tal-investiment, tal-kooperazzjoni u tad-diversifikazzjoni. B'mod partikolari, it-titjib tal-ħiliet permezz ta' apprendiment inizjali u tul il-ħajja, kif ukoll it-taħriġ, flimkien mal-objettivi stabbiliti fil-kuntest tas-Sena Ewropea tal-Ħiliet[14], se jagħmel lis-sajjieda u lill-bdiewa tal-akkwakultura aktar effiċjenti u reżiljenti, u anqas esposti għar-riskji ta' aċċidenti. L-immodernizzar tas-settur u l-ftuħ tiegħu għal servizz soċjali usa' huma essenzjali sabiex tiżdied l-attraenza tiegħu, speċjalment għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Il-Kummissjoni:

- **Bejn ir-rebbiegħa tal-2023 u s-sajf tal-2024 se twettaq proġett ta' prospettiva parteċipattiva fl-UE kollha dwar "is-Sajjieda tal-Futur"**, sabiex tbassar ir-rwol kruċjali tas-sajjieda fis-soċjetà, lil hinn mill-forniment ta' frott tal-baħar ta' kwalità għolja b'impronta tal-karbonju relattivament baxxa. Fuq il-bażi ta' intervisti kwalitattivi fil-prattika, il-proġett se jidentifika x-xejriet, l-opportunitajiet u t-theddidiet li jiddeterminaw l-attraenza tas-settur tas-sajd. B'mod partikolari, il-proġett se jindirizza:
  - il-fatturi u x-xejriet li jinfluwenzaw is-sostenibbiltà u l-profittabbiltà fit-tul tas-settur tas-sajd u l-benesseri tal-komunitajiet tas-sajd (eż. l-impatti tat-tibdil fil-klima, tat-telfien tal-bijodiversità u tat-tniġġis, it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, il-ħiliet, il-forza tax-xogħol li qed tixjieħ, l-iżviluppi fis-suq u fil-kummerċ),
  - l-identità u r-rwol tas-sajjieda lil hinn min-negozju ewlieni tagħhom, b'mod partikolari fil-konservazzjoni u fir-restawr tal-ambjent tal-baħar, tat-turiżmu ambjentali u tal-iżvilupp lokali taż-żoni kostali,
  - l-isfidi u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-kooperazzjoni u mis-sinerġiji bejn is-sajjieda u partijiet ikkonċernati marittimi oħrajn, speċjalment fl-ippjanar tal-ispazju marittimu, fil-varar tal-enerġija rinnovabbli, fl-organizzazzjoni tal-katina tal-provvista tal-frott tal-baħar, fl-ekonomija ċirkolari, u fid-diversifikazzjoni fil-kuntest usa' tal-ekonomija blu sostenibbli.

  Ir-riżultati tal-proġett se jikkontribwixxu għat-tfassil futur tal-politika, kif ukoll għall-iżvilupp tal-istrateġija kummerċjali tas-settur tas-sajd.

[13] L-involviment tal-UE huwa kruċjali fi ħdan l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD) u n-Nazzjonijiet Uniti u l-aġenziji speċjalizzati tagħha, inkluża l-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO); fit-tmexxija tat-teħid ta' deċiżjonijiet ambizzjuż taħt l-Organizzazzjonijiet Reġjonali għall-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) u fil-livell internazzjonali reġjonali fl-Atlantiku tal-Grigal; kif ukoll fil-livell bilaterali fil-qafas tal-SFPAs u fi ftehimiet bilaterali jew trilaterali oħrajn ma' pajjiżi mhux tal-UE.

[14] Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-Sena Ewropea tal-Ħiliet 2023, COM(2022)526

- Tistieden lill-**Istati Membri** jużaw, **mill-2023**, **l-approċċ minn isfel għal fuq** li jippermetti lill-komunitajiet tas-sajd lokali jindirizzaw l-isfidi u l-ħtiġijiet soċjali **permezz ta' żvilupp lokali mmexxi mill-komunità** skont il-programmi tal-FEMSA tal-2021-2027.

- Titlob **lill-komunità xjentifika,** u speċjalment lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF), sabiex jiżviluppaw ulterjorment l-**indikaturi soċjali** li għandhom jintużaw fl-analiżi tar-rapporti soċjoekonomiċi. Dan jikkontribwixxi għal proposti futuri għall-miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-sajd, kif ukoll itejjeb il-valutazzjoni tal-impatti soċjali u fuq l-impjiegi ta' miżuri bħal dawn. Jgħin ukoll sabiex jiġi identifikat kif jiġu ppjanati r-riżorsi u l-investimenti meħtieġa sabiex titrawwem l-attraenza tas-settur.

- **Se tikkunsidra li tipproponi**, **wara l-adozzjoni tal-Konvenzjoni Internazzjonali riveduta dwar Standards ta' Taħriġ, Ċertifikazzjoni u Għassa għall-Persunal tal-Bastimenti tas-Sajd (STCW-F)**, **Direttiva li tiżgura t-traspożizzjoni korretta tagħha** fl-ordni ġuridiku tal-UE u tgħin lill-Istati Membri jaċċelleraw ir-ratifika tal-konvenzjonijiet tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) u tal-Organizzazzjoni Marittima Internazzjonali (IMO).

3. NIKKONTRIBWIXXU GĦALL-PROTEZZJONI TAL-PJANETA

Bil-PKS, l-UE stabbiliet qafas leġiżlattiv stabbli għall-ġestjoni tas-sajd. Matul l-aħħar 50 sena, din kienet il-bażi għall-iżvilupp ta' standards għoljin għall-konservazzjoni u għall-ġestjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar, kif ukoll biex isir kontribut għall-protezzjoni tal-ambjent tal-baħar.

Il-PKS tistabbilixxi objettivi ċari għall-ġestjoni sostenibbli tal-istokkijiet tal-ħut. Tibbaża t-teħid ta' deċiżjonijiet fuq pariri xjentifiċi robusti u rikonoxxuti fuq livell internazzjonali, tiġbor firxa wiesgħa ta' *data* u tipprovdi kapaċitajiet ta' mmudellar aħjar li jikkontribwixxu għall-proposti dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Il-ġestjoni tal-flotta tipprevedi bilanċ fit-tul bejn il-kapaċità tas-sajd u l-opportunitajiet tas-sajd. L-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati huma involuti mill-qrib fil-ġestjoni tas-sajd, bit-teħid ta' deċiżjonijiet fuq il-bażi ta' kunsiderazzjonijiet reġjonali u ta' karatteristiċi speċifiċi. Il-politika hija msaħħa minn sistema robusta ta' kontroll, ta' spezzjoni u ta' infurzar li tinkludi l-ġlieda kontra l-attivitajiet tas-sajd IUU permezz tar-Regolamenti ta' Kontroll[15] u dwar l-IUU[16]; filwaqt li l-FEMSA jħeġġeġ u jappoġġa finanzjarjament l-ilħuq tal-objettivi ta' politika.

Għaxar snin wara l-implimentazzjoni tal-PKS riformata, naraw progress tanġibbli lejn sajd aktar sostenibbli. Is-sajjieda, is-soċjetà ċivili u l-Istati Membri kkontribwew għall-bini mill-

[15] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009 tal-20 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi sistema tal-Unjoni ta' kontroll għall-iżgurar tal-konformità mar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 847/96, (KE) Nru 2371/2002, (KE) Nru 811/2004, (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 2115/2005, (KE) Nru 2166/2005, (KE) Nru 388/2006, (KE) Nru 509/2007, (KE) Nru 676/2007, (KE) Nru 1098/2007, (KE) Nru 1300/2008, (KE) Nru 1342/2008 u li jħassar ir-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1627/94 u (KE) Nru 1966/2006

[16] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999

ġdid ta' ħafna stokkijiet kritiċi tal-ħut, bħall-merluzz fil-Baħar Iberiku u fl-Atlantiku u l-ispnott u għenu sabiex jitrażżan it-tnaqqis tal-istokkijiet fil-Baħar Mediterran u fil-Baħar l-Iswed. Fl-istess ħin, huma meħtieġa aktar progress u żieda fl-ambizzjoni sabiex jintlaħqu bis-sħiħ l-objettivi ta' sostenibbiltà ambjentali tal-PKS.

Nipproteġu l-ekosistemi u r-riżorsi tal-baħar

L-attivitajiet tas-sajd ikomplu jaffettwaw b'mod negattiv l-ekosistemi tal-baħar, b'mod partikolari permezz ta' disturb f'qiegħ il-baħar, il-qabda aċċessorja ta' speċijiet sensittivi u l-effetti fuq ix-xbieki alimentari. Dawn l-effetti, li huma indirizzati fid-dettall fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar, huma kkombinati ma' dawk tat-tibdil fil-klima u ma' pressjonijiet oħrajn mill-attivitajiet tal-bniedem. Fl-istess ħin, l-istatus batut tal-ekosistemi tal-baħar huwa wkoll theddida diretta għas-sostenibbiltà tar-riżorsi tas-sajd u tal-akkwakultura u għall-attivitajiet ekonomiċi relatati tagħhom kif ukoll għall-benesseri tal-komunitajiet li jiddependu fuqhom.

Il-bidliet fl-istat tal-ekosistemi jaffettwaw il-produttività fuq terminu qasir, medju u twil tal-istokkijiet tal-ħut u jżidu xokkijiet fuq terminu qasir, bħall-mewġ tas-sħana tal-oċeani, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani, il-problemi tar-riproduzzjoni, il-proliferazzjoni tal-algi tossiċi, il-parassiti jew in-nuqqas ta' ossiġenu. Dawn il-bidliet u x-xokkijiet jistgħu jikkawżaw il-kollass tal-popolazzjonijiet tal-ħut jew iġegħluh imur f'ilmijiet fit-Tramuntana, aktar fondi u aktar kesħin, spiss f'territorju mhux tal-UE. Il-plastik, il-mikroplastik u tniġġis ieħor minn attivitajiet tal-bniedem fil-baħar u fuq l-art (eż. l-agrikoltura, is-sajd, l-industrija, it-tbaħħir, l-ilmijiet mormijin) ukoll għandhom impatt negattiv fuq l-ekosistemi tal-baħar u, konsegwentement, fuq l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura. L-effetti kkombinati ta' dawn l-isfidi jilħqu livelli mingħajr preċedent. Bl-inċertezzi li jġibu magħhom il-kundizzjonijiet klimatiċi futuri u bil-ħtieġa għal aktar riċerka, huwa diffiċli li jiġu vvalutati u li jinftiehmu bis-sħiħ, u b'hekk is-sitwazzjoni tkompli tiggrava.

Flimkien mal-indirizzar tal-pressjonijiet mhux relatati mas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar, hija meħtieġa implimentazzjoni sħiħa u b'saħħitha tal-PKS sabiex dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod effettiv, speċjalment billi jissaħħu l-ġbir tad-*data* u x-xjenza, isiru aktar sforzi għat-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq l-evidenza u jiġu żgurati kontroll u infurzar koerenti u effettivi. Barra minn hekk, kif rifless fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar, dan ifisser li tingħata prijorità lill-aktar azzjonijiet rilevanti għat-tnaqqis tal-impatt tas-sajd fuq l-ambjent tal-baħar. Hija meħtieġa attenzjoni partikolari għal dawn:

- L-ilħuq tar-"rendiment massimu sostenibbli"

Bil-prinċipju tar-"rendiment massimu sostenibbli" (MSY[17]), il-PKS adottat objettiv operazzjonali, li jista' jitkejjel u bbażat fuq ix-xjenza għall-ġestjoni tas-sajd. Il-bini mill-ġdid tal-istokkijiet għal-livelli tal-MSY u ogħla jista' jnaqqas l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi tal-baħar, iżid il-profittabbiltà tal-flotta u jnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju tal-flotot tas-sajd. L-UE hija impenjata wkoll għall-MSY fi ftehimiet internazzjonali, bħall-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli tan-NU. F'żoni fejn ġiet implimentata, l-istokkijiet irkupraw u l-qabdiet u l-introjti żdiedu, filwaqt li l-impatti negattivi fuq l-ambjent tal-baħar naqsu. F'dawn l-aħħar

[17] MSY ifisser l-akbar rendiment teoretiku ta' ekwilibriju li jista' jittieħed kontinwament bħala medja minn stokk f'kundizzjonijiet ambjentali medji eżistenti, mingħajr ma jiġi affettwat b'mod sinifikanti l-proċess tar-riproduzzjoni (l-Artikolu 4(1)(7) tar-Regolament PKS)

snin, aktar u aktar stokkijiet laħqu livelli sostenibbli, b'riżultati partikolarment tajbin fl-Atlantiku tal-Grigal. Madankollu, huma meħtieġa sforzi addizzjonali. Fil-Baħar Mediterran, is-sitwazzjoni għadha ta' tħassib u t-titjib għadu qiegħed isir bil-mod wisq, filwaqt li l-Baltiku ra treġġigħ lura tat-titjib reċenti, minħabba pressjonijiet oħrajn fuq l-ambjent u fuq l-ekosistemi tal-baħar[18]. Huwa kruċjali li titkompla u titħaffef il-ħidma tal-bini mill-ġdid u taż-żamma tal-istokkijiet tal-ħut f'livelli ogħla mill-MSY.

- It-tisħiħ tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi permezz ta' xjenza aħjar

L-indirizzar tal-isfidi ambjentali għall-ekosistemi tal-baħar, għas-sajd u għall-akkwakultura jibda bil-ħidma tal-komunità xjentifika. Ix-xjenza tippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jieħdu deċiżjonijiet informati u jimplimentaw bis-sħiħ l-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi għall-ġestjoni tas-sajd u tal-akkwakultura, wieħed mill-prinċipji ewlenin tal-PKS. Dan ifisser li jitqiesu d-diversi tipi ta' impatti umani u ta' sistemi ta' ġestjoni fuq l-użu tar-riżorsi naturali u tal-ambjent tal-baħar, u, viċi versa, l-impatti tal-istat tar-riżorsi naturali fuq is-settur tas-sajd.

Sabiex tinkiseb is-sostenibbiltà fit-tul tal-użu tar-riżorsi tal-baħar, inkluż minn perspettiva soċjoekonomika, il-parir xjentifiku li fuqu huma bbażati d-deċiżjonijiet ta' ġestjoni jrid jirrifletti l-kumplessità sħiħa tal-ekosistemi tal-baħar[19], kif ukoll l-impatt kumulattiv tal-pressjonijiet u tal-miżuri ta' mitigazzjoni. Għalhekk, huwa neċessarju li jitkomplew l-isforzi sabiex jittejbu l-għarfien u d-*data*, sabiex il-parir xjentifiku jkun jista' jqis il-kuntest sħiħ tal-ekosistemi tal-baħar. Dan se jikkontribwixxi għar-riflessjonijiet dwar jekk għandux jiżdied in-numru ta' stokkijiet ġestiti taħt kwoti pluriennali.

Il-ġbir imtejjeb tad-*data* qiegħed isaħħaħ b'mod kostanti l-bażi tal-evidenza tal-politika[20]. Il-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) diġà qies il-kunsiderazzjonijiet tal-ekosistemi fil-parir xjentifiku tiegħu. Pereżempju, jipprovdi ħarsiet ġenerali lejn l-ekosistemi[21] għal kull ekoreġjun[22].

- Il-kontroll u l-infurzar effettivi tas-sajd kummerċjali u rikreattiv

Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' sostenibbiltà tal-PKS, huwa importanti li wieħed iżomm f'moħħu l-impatti tal-attivitajiet kollha, kemm kummerċjali kif ukoll rikreattivi, u li jiġu żgurati kontroll u infurzar effettivi mill-Istati Membri. Ir-Regolament dwar il-Kontroll jistabbilixxi regoli dettaljati, speċjalment għall-flotot kummerċjali. Dan mhuwiex daqstant il-każ għas-sajd rikreattiv.

---

18 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, "Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2023", COM(2022) 253

19 B'interazzjonijiet bejn diversi speċijiet u proċessi tal-ekosistema u b'varjetà ta' pressjonijiet minn attivitajiet differenti tal-bniedem

20 STECF 22-07 - Eval 2021 ARs DCF and data transmission.pdf - Data Collection Framework - Il-Kummissjoni Ewropea (europa.eu)

21 https://www.ices.dk/advice/ESD/Pages/Ecosystem-overviews.aspx

22 L-ICES juża l-ekoreġjuni bħala l-unitajiet spazjali sabiex jissintetizza l-evidenza għall-approċċ tal-ekosistemi. L-ekoreġjuni tal-ICES huma bbażati fuq karatteristiċi bijoġeografiċi u oċeanografiċi u fuq diviżjonijiet politiċi, soċjali, ekonomiċi u ta' ġestjoni eżistenti. Dawn jiġu żviluppati permezz ta' proċess iterattiv ta' konsultazzjonijiet bejn ix-xjenzati u l-partijiet ikkonċernati mmexxijin mill-Kumitat Konsultattiv tal-ICES.

Il-PKS tirreferi għall-"impatt sinifikanti fuq ir-riżorsi tal-ħut" li huwa possibbli fis-sajd rikreattiv u tenfasizza l-ħtieġa li l-Istati Membri "jiżguraw li [s-sajd rikreattiv] isir b'mod kompatibbli mal-objettivi tal-PKS"[23]. Il-ġestjoni tas-sajd rikreattiv teħtieġ stampa sħiħa tal-impatt li tali attività għandha fuq il-popolazzjonijiet tal-ħut u fuq l-ekosistemi. Jeħtieġ ukoll li tikkunsidra n-natura speċifika ta' sajd bħal dan u tqis leġiżlazzjoni oħra tal-UE applikabbli għal dawn l-attivitajiet.

Il-ġbir tad-*data* affidabbli u uniformi jibqa' sfida kbira, u jagħmilha diffiċli għall-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-impatt tas-sajd rikreattiv fuq stokkijiet speċifiċi u sabiex tiżviluppa miżuri xierqa. Il-proposta tal-Kummissjoni[24] għar-reviżjoni tar-Regolament dwar il-Kontroll, li bħalissa qiegħda tiġi nnegozjata mal-koleġiżlaturi, tintroduċi rekwiżit ġenerali għall-monitoraġġ tan-numru ta' sajjieda rikreattivi permezz ta' sistema ta' liċenzjar jew ta' reġistrazzjoni, kif ukoll ir-rekwiżit għal sistema ta' ġbir tad-*data* jew ta' reġistrazzjoni tal-qabdiet għall-qabdiet rikreattivi kollha, sabiex jittejbu l-kontroll u l-monitoraġġ.

- Innovazzjoni u finanzjament

Diġà hemm varjetà ta' proġetti u ta' approċċi pijunieri fost is-sajjieda li jindirizzaw it-tnaqqis tat-tniġġis u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u li jittrattaw l-impatti tat-tibdil fil-klima. Xi wħud jiffokaw fuq l-ittestjar u fuq l-użu, fil-prattika, ta' soluzzjonijiet innovattivi bħal xbieki, ħbula u komponenti tal-irkaptu bijodegradabbli, il-ġbir ta' skart tal-baħar[25] jew fuq attivitajiet ta' prevenzjoni tat-tniġġis. L-UE introduċiet ukoll regolament sabiex ittejjeb id-disinn u l-monitoraġġ ċirkolari tal-irkapti tas-sajd[26], sabiex tħeġġeġ l-użu mill-ġdid u tiffaċilita r-riċiklabbiltà tiegħu, u qiegħda taħdem ma' organizzazzjonijiet ta' standardizzazzjoni sabiex timplimentah.

Se jkun daqstant importanti li jiġu żviluppati bastimenti tas-sajd, li huma ħafna aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija u adatti għal kompulsjoni newtrali fl-enerġija, u tekniki tas-sajd, li jillimitaw il-ħsara għall-bijodiversità tal-baħar, kif ukoll li jiżguraw b'mod ġenerali li l-attivitajiet tas-sajd ikollhom impatt limitat fuq l-ekosistemi tal-baħar u ma jaggravawx it-tibdil fil-klima. Dan se jippermetti lill-ekosistemi jlaħħqu aħjar mal-impatti tat-tibdil fil-klima.

- Żieda fil-koerenza tal-politika

---

[23] Il-premessa 3 tar-Regolament PKS

[24] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd, COM/2018/368 final

[25] Pereżempju, il-proġett "Sajd għall-Iskart" ("Fishing for Litter"), li huwa eżempju tajjeb ta' kontribut aktar ġenerali li s-sajjieda jistgħu jagħmlu sabiex jiksbu ambjent tal-baħar aktar f'saħħtu, lil hinn mill-attivitajiet tradizzjonali tas-sajd tagħhom. Imbagħad, ikunu aktar kapaċi jiġbru u jarmu b'mod sikur l-iskart, inkluż l-iskart li jinqabad fix-xbieki matul l-operazzjonijiet normali tas-sajd, meta jaslu fil-portijiet.

[26] Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/958 tal-31 ta' Mejju 2021 li tistabbilixxi l-format għar-rapportar tad-*data* u l-informazzjoni dwar l-irkaptu tas-sajd li fih il-plastik imqiegħed fis-suq u l-iskart tal-irkaptu tas-sajd miġbur fl-Istati Membri u l-format għar-rapport tal-verifika ta' kwalità f'konformità mal-Artikoli 13(1)(d) u 13(2) tad-Direttiva (UE) 2019/904 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Hemm bżonn ta' aktar koerenza bejn l-implimentazzjoni tal-PKS u l-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva Qafas dwar l-Istrateġija Marina[27] u d-Direttivi dwar l-Għasafar[28] u l-Ħabitats[29]. B'mod aktar ġenerali, dan jinkludi l-objettivi u r-riżultati tal-istrateġija dwar il-bijodiversità għall-2030 u l-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

L-istrateġija għall-bijodiversità tinkludi impenji importanti sabiex jiġu protetti b'mod effettiv 30 % tal-ibħra tal-UE u sabiex jiġi protett b'mod strett terz ta' dik iż-żona, sabiex jiġu rrestawrati l-ekosistemi tal-baħar għall-benefiċċju tan-nies u tal-klima u sabiex jiġu protetti aktar speċijiet u ħabitats sensittivi. Bħala wieħed mir-riżultati tanġibbli tal-istrateġija għall-bijodiversità, il-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar għandu l-għan li jipprovdi qafas għall-implimentazzjoni ta' dawk l-impenji, filwaqt li jipproponi azzjonijiet sabiex jissaħħu s-sinerġiji bejn il-politiki dwar is-sajd u dawk ambjentali u b'hekk jissaħħaħ il-kontribut tal-PKS għall-objettivi ambjentali tal-UE. Barra minn hekk, l-għan tal-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt huwa li jiġi żgurat impatt ambjentali newtrali jew pożittiv tas-setturi kollha involuti fis-sistema tal-ikel, filwaqt li titlob aċċellerazzjoni tal-bidla lejn il-produzzjoni sostenibbli tal-ħut u tal-frott tal-baħar.

Hija meħtieġa wkoll koerenza bejn id-dimensjoni esterna tal-PKS u l-politika ambjentali internazzjonali, pereżempju fl-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs), il-konvenzjonijiet reġjonali tal-baħar, jew il-ftehimiet ta' sħubija dwar is-sajd sostenibbli (SFPAs).

Il-Kummissjoni:

- Tistieden lill-**Istati Membri** jimplimentaw bis-sħiħ u b'mod urġenti l-miżuri deskritti fil-**pjan ta' azzjoni dwar il-baħar**;

- Tistieden lill-**Istati Membri** biex jiffokaw l-isforzi sabiex jiżguraw **li jintlaħaq l-objettiv tal-MSY fil-baċiri tal-baħar kollha** fid-diskussjonijiet dwar l-opportunitajiet tas-sajd għall-2024**;**

- **Se** tiffoka l-isforzi **fl-2023 u fl-2024** fuq **l-iżvilupp ta' pariri xjentifiċi b'appoġġ għall-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi** għall-ġestjoni tas-sajd tal-UE, billi tmexxi d-djalogu mal-**komunità xjentifika u mal-partijiet ikkonċernati**;

- Tistieden lill-**Istati Membri** jiżguraw l-implimentazzjoni sħiħa u rapida **tad-Direttiva dwar il-Plastik li Jintuża Darba Biss;**

- Tħeġġeġ lis-**sajjieda**, fir-rwol tagħhom bħala "kustodji tal-baħar", sabiex ikomplu jinvolvu ruħhom fil-ġbir tal-iskart tal-baħar u fl-użu ta' elementi bijodegradabbli fl-irkapti tas-sajd, bl-appoġġ ta' taħriġ u tas-sorsi ta' finanzjament disponibbli;

[27] Id-Direttiva 2008/56/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 li tistabbilixxi Qafas għal Azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-Politika tal-Ambjent Marin (Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina).

[28] Id-Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi.

[29] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitat naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa.

- Sal-2024 se toħroġ **erba' dokumenti ta' gwida** bħala parti mill-implimentazzjoni tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-**Linji Gwida Strateġiċi għal akkwakultura tal-UE aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu 2021-2030**[30]. Dawn se jappoġġaw l-avvanzi tas-settur fl-oqsma li ġejjin: i) prattiki amministrattivi u regolatorji tajbin, ii) l-aċċess għall-ispazju, iv) il-prestazzjoni ambjentali, u iv) il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.

Inżidu s-selettività tal-irkaptu tas-sajd u nimplimentaw l-obbligu ta' ħatt l-art

Il-qabdiet mhux mixtieqa jikkontribwixxu għat-tnaqqis tar-riżorsi tal-baħar. Bħala inċentiv ekonomiku sabiex tħaffef it-tranżizzjoni lejn aktar selettività, fl-2013 l-UE introduċiet l-"obbligu ta' ħatt l-art", li jirrikjedi li l-qabdiet kollha, inklużi l-qabdiet mhux mixtieqa, għandhom jinħattu l-art. L-obbligu ta' ħatt l-art daħal fis-seħħ bis-sħiħ fl-2019. Għandu l-għan li jnaqqas, u meta possibbli jelimina, il-qabdiet skartati. Il-qabdiet skartati jikkostitwixxu mhux biss ħela sostanzjali ta' riżorsi, iżda jaffettwaw wkoll b'mod negattiv l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar u tal-ekosistemi tal-baħar u l-vijabbiltà finanzjarja tas-sajd.

Fl-2009, qabel ir-riforma tal-2013 tal-PKS, ġie stmat li, kull sena, fis-sajd Ewropew kienu jiġu skartati 1,7 miljun tunnellata (tal-ispeċijiet kollha), li jikkorrispondu għal 23 % tal-qabdiet totali. Dan għandu impatt ambjentali negattiv serju, kemm fuq l-ispeċijiet fil-mira kif ukoll fuq il-qabdiet aċċessorji mhux fil-mira. Skont il-parir xjentifiku[31], il-livelli ta' qabdiet mhux mixtieqa għadhom għoljin f'ħafna sajd demersali mħallat fl-ilmijiet tal-UE (bejn 20 % u 30 % fil-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir, fil-Baħar Ċeltiku u fil-Golf tal-Biskalja u fil-kosta Iberika). Madankollu, ir-rati tal-iskartar ivarjaw ħafna skont is-sajd (fil-mira) u l-flotta tas-sajd, filwaqt li l-qabdiet skartati mingħajr dokumenti għadhom ikollhom impatt avvers fuq il-ġbir tad-*data*.

Is-sejbiet mill-awditi mnedija mill-Kummissjoni fl-2020[32] juru li l-Istati Membri awditjati ma adottawx il-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw kontroll u infurzar effettivi tal-obbligu ta' ħatt l-art. L-għodod ta' kontroll tradizzjonali (bħall-ispezzjonijiet fuq il-baħar u l-ispezzjonijiet mill-bażiri/fl-irkanti tal-ħatt l-art/tal-ġurnali ta' abbord) ma humiex adegwati, peress li jipprovdu biss stampa limitata ħafna tal-konformità fiż-żmien tal-monitoraġġ.

Fil-proposta tagħha għal sistema riveduta ta' kontroll tas-sajd[33], il-Kummissjoni tappoġġa l-użu ta' għodod moderni ta' kontroll. Se tkompli taħdem mal-koleġiżlaturi sabiex tilħaq ftehim ambizzjuż dwar din il-leġiżlazzjoni importanti. Bħala riżultat tan-nuqqas ta' żvilupp u ta' użu tal-aktar mezzi effiċjenti ta' kontroll u ta' infurzar, bħall-monitoraġġ elettroniku mill-bogħod

30 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Linji gwida strateġiċi għal akkwakultura tal-UE li tkun aktar sostenibbli u kompetittiva għall-perjodu bejn l-2020 u l-2030 (COM/2021/0236 final)

31 STECF PLEN 22-01

32 Għal Franza u għal Spanja ara https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_21_4681. Għall-Irlanda, għall-Belġju u għan-Netherlands ara https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/inf_21_5342

33 Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 768/2005, (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1005/2008, u r-Regolament (UE) Nru 2016/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kontroll tas-sajd COM/2018/368 final

(REM) u għodod moderni oħrajn ta' kontroll, hemm indikazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mifrux u ta' rimi illegali mhux dokumentat tal-qabdiet[34]. Dan jirrappreżenta riskju sinifikanti – jekk id-*data* rrapportata ma tirriflettix il-qabdiet attwali, il-kwalità tal-parir xjentifiku tiġi mminata serjament.

Il-Kummissjoni tirrikonoxxi d-diffikultajiet strutturali eżistenti fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Madankollu, minkejja l-isforzi u l-kollaborazzjoni li għaddejjin mill-partijiet ikkonċernati kollha sabiex itejbu s-sitwazzjoni, in-nuqqasijiet imsemmijin jeħtieġ li jiġu indirizzati. Il-kunsiderazzjonijiet li wasslu għall-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fl-2013 għadhom kompletament validi u l-prinċipji tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-evitar tal-iskart ta' riżorsi prezzjużi, huma aktar rilevanti minn qatt qabel.

L-Istati Membri u l-komunità xjentifika jridu jagħmlu aktar sforz sabiex jiġbru d-*data* t-tajba li tippermettilhom janalizzaw l-isfidi fl-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Fl-istess ħin, il-benefiċċji ta' politika li tevita l-qabdiet skartati u l-qabdiet mhux mixtieqa jeħtieġ li jiġu enfasizzati aħjar lis-sajjieda. Barra minn hekk, is-sajjieda nfushom jafu l-aħjar meta u fejn għandhom jistadu filwaqt li jevitaw qabdiet mhux mixtieqa. Għalhekk, huwa essenzjali li l-użu ta' metodi tas-sajd selettivi jiġi fdat lis-sajjieda u li l-isforzi tagħhom jingħataw importanza sabiex titjieb il-konservazzjoni. Is-sajjieda għandhom juru l-impenn tagħhom billi jiżguraw trasparenza sħiħa tal-operazzjonijiet abbord, billi jirrapportaw il-qabdiet tagħhom b'mod akkurat u jagħtu r-riżultati f'termini ta' selettività.

Il-PKS għandha l-għan li tagħmel l-irkaptu tas-sajd aktar selettiv, sabiex qabel kollox ma jseħħux qabdiet mhux mixtieqa. Bis-saħħa tal-isforzi tas-sajjieda u tal-Istati Membri[35], sar progress fl-iżvilupp ta' rkaptu innovattiv u aktar selettiv. Madankollu, 4 snin wara d-dħul fis-seħħ sħiħ tal-obbligu ta' ħatt l-art, hemm bżonn li jsir ħafna aktar.

Kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar, l-użu u l-adozzjoni attwali, fil-prattika, ta' dawn l-irkapti l-ġodda u tat-tekniki tas-sajd mill-aktar avvanzati għandhom jiżdiedu. L-Istati Membri għandhom itejbu l-użu ta' appoġġ immirat tal-FEMSA għal dan l-għan. Barra minn hekk, għandhom jippromwovu l-użu usa' ta' teknoloġiji ġodda għall-ġbir tad-*data* u għall-ottimizzazzjoni tas-sajd sabiex jitnaqqsu l-qabdiet mhux mixtieqa mis-sajjieda.

Il-Kummissjoni:

- Tistieden **lill-Istati Membri, lill-komunità xjentifika, lill-Kunsilli Konsultattivi u lill-organizzazzjonijiet tal-produtturi**, **sar-rebbiegħa tal-2024** , biex jipprovdu lill-Kummissjoni bid-*data* ewlenija li tkun meħtieġa għal evalwazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Il-Kummissjoni se tipprovdi gwida għal dan.

- Ladarba tiġi stabbilita l-linja bażi għal evalwazzjoni bħal din u tinġabar *data* affidabbli biżżejjed, **sal-ħarifa tal-2024** se tiżviluppa t-termini ta' referenza għal evalwazzjoni bħal din tal-obbligu ta' ħatt l-art sabiex tinforma aħjar lil dawk li

[34] https://www.efca.europa.eu/en/content/compliance-evaluation; https://cinea.ec.europa.eu/publications/synthesis-landing-obligation-measures-and-discard-rates_mt; https://cinea.ec.europa.eu/publications/synthesis-landing-obligation-measures-and-discard-rates-mediterranean-and-black-sea_mt

[35] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Lejn sajd aktar sostenibbli fl-UE: is-sitwazzjoni attwali u l-orjentazzjonijiet għall-2023. COM/2022/253 final

jfasslu l-politika dwar l-effettività, l-effiċjenza, il-koerenza, ir-rilevanza u l-valur miżjud tal-UE tal-miżuri fis-seħħ.

4. INTEJBU L-GOVERNANZA TAL-PKS

Il-PKS hija ggwidata mill-prinċipju ta' governanza tajba. F'dan l-ispirtu, l-approċċ reġjonali introdott mir-riforma tal-2013 jippermetti lill-Istati Membri jikkooperaw fi gruppi reġjonali u jfasslu miżuri ta' konservazzjoni reġjonali permezz ta' rakkomandazzjonijiet konġunti. Barra minn hekk, il-PKS issaħħaħ il-kooperazzjoni tal-partijiet ikkonċernati permezz tal-involviment tal-Kunsilli Konsultattivi. Dawn jippreżentaw rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-gruppi reġjonali u jipprovdu għarfien lill-partijiet ikkonċernati li jappoġġa l-iżvilupp ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni.

Fil-bidu, il-gruppi reġjonali ffokaw l-aktar fuq l-istabbiliment tagħhom u fuq l-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art. Il-ħidma fuq il-miżuri ta' konservazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament PKS[36], neċessarji sabiex tiġi żgurata l-konformità mal-obbligi li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni ambjentali tal-UE u mir-Regolament dwar il-Miżuri Tekniċi[37], bdiet taċċellera biss mill-2021. Għamlet progress b'pass xejn uniformi fil-baċiri tal-baħar differenti.

Kif deskritt fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar, l-Istati Membri jeħtieġ li jġeddu l-impenn tagħhom sabiex iżidu l-effiċjenza, il-veloċità u l-livell ta' ambizzjoni tal-ħidma reġjonalizzata, speċjalment fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali skont l-Artikolu 11 tal-PKS. Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jindirizzaw in-nuqqas ta' riżorsi suffiċjenti għall-ħidma fi gruppi reġjonali, iżidu aktar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, u jsaħħu l-bażi xjentifika. Il-Kummissjoni se tivvaluta l-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar fir-rieżami ta' nofs it-terminu tagħha tal-Istrateġija għall-Bijodiversità fl-ewwel nofs tal-2024 u, skont il-valutazzjoni tagħha tal-progress li jkun sar, u f'konformità mad-dritt ta' inizjattiva tagħha, se tikkunsidra jekk hijiex meħtieġa azzjoni ulterjuri, inkluża azzjoni leġiżlattiva.

Il-Kummissjoni:

- Tistieden lill-**Istati Membri** sabiex, mill-**2023** jimplimentaw bis-sħiħ l-azzjonijiet ta' governanza stabbiliti fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar;

- Tistieden lill-**gruppi reġjonali tas-sajd tal-Istati Membri**, sabiex mill-**2023** jinvolvu aħjar lill-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari lill-Kunsilli Konsultattivi, fl-organizzazzjonijiet reġjonali sabiex jiżguraw l-involviment kemm tal-awtoritajiet tas-

[36] Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE

[37] Ir-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni ta' ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1967/2006, (KE) Nru 1224/2009 u r-Regolamenti (UE) Nru 1380/2013, (UE) 2016/1139, (UE) 2018/973, (UE) 2019/472 u (UE) Nru 2019/1022 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 894/97, (KE) Nru 850/98, (KE) Nru 2549/2000, (KE) Nru 254/2002, (KE) Nru 812/2004 u (KE) Nru 2187/2005

sajd kif ukoll tal-awtoritajiet ambjentali;

- Tistieden lill-**Istati Membri** , sabiex mill-**2023** jallokaw riżorsi adegwati għall-ħidma fil-gruppi reġjonali.

Governanza tajba tiddependi wkoll fuq aktar trasparenza. L-Artikolu 17 tal-PKS jirrikjedi b'mod ċar li l-Istati Membri, meta jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd, jużaw kriterji trasparenti u oġġettivi, inklużi dawk ta' natura ambjentali, soċjali u ekonomika. Il-partijiet ikkonċernati jeħtieġ li jkollhom informazzjoni ċara dwar kif l-Istati Membri jallokaw l-opportunitajiet tas-sajd u jimmaniġġaw il-kapaċità tal-flotta fil-livell nazzjonali. Għalhekk, il-Kummissjoni se taħdem flimkien mal-korpi xjentifiċi u mal-Istati Membri sabiex tivvaluta ulterjorment u tiżgura t-trasparenza ta' dawk il-kriterji u l-konformità tagħhom mad-dispożizzjonijiet tal-PKS u tħeġġeġ l-użu ta' kriterji li jistgħu jrawmu prattiki tas-sajd sostenibbli u jappoġġaw lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali, li jirrappreżentaw kważi 75 % tal-bastimenti tas-sajd kollha rreġistrati fl-UE u kważi nofs l-impjiegi kollha fis-settur tas-sajd.

Filwaqt li l-Osservatorju Ewropew tas-Suq (EUMOFA)[38] diġà jipprovdi trasparenza fis-suq għall-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, hija meħtieġa wkoll aktar trasparenza sabiex tgħin lill-konsumaturi jagħmlu għażliet informati. Kif imħabbar fl-istrateġija mill-Għalqa sal-Platt, huwa importanti li titkompla l-ħidma fuq l-inizjattiva tas-sistema tal-ikel sostenibbli li l-Kummissjoni qiegħda tippjana li tipproponi fl-2023 għal approċċ armonizzat tal-UE għall-produzzjoni tal-ikel sostenibbli.

Fl-aħħar nett, il-governanza tajba tas-sajd u tal-akkwakultura teħtieġ aċċess ċar, stabbli u ġust għall-ispazju marittimu, filwaqt li titqies il-kompetizzjoni dejjem akbar għall-użu tiegħu fost is-setturi ekonomiċi. Id-Direttiva dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu[39] tistabbilixxi l-qafas sabiex jitnaqqsu l-kunflitti fl-ispazju marittimu u jitrawmu sinerġiji bejn attivitajiet marittimi differenti. Barra minn hekk, billi żżid il-prevedibbiltà, it-trasparenza u ċ-ċertezza legali, tħeġġeġ l-investiment.

L-Istati Membri għandhom jibnu fuq din id-Direttiva sabiex itejbu l-koordinazzjoni bejn il-ġestjoni tas-sajd u l-proċessi tal-ippjanar tal-ispazju marittimu. Barra minn hekk, iż-żieda fl-użu tal-ibħra għal skopijiet oħrajn minbarra s-sajd, bħaż-żoni marini protetti (MPAs) jew l-enerġija rinnovabbli, teħtieġ aktar allinjament reġjonali fl-ippjanar tal-ispazju marittimu, lil hinn mil-livell tal-Istati Membri.

Il-Kummissjoni:

- **Se titlob lill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) janalizza, fl-2023**, il-kriterji użati mill-Istati Membri għall-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd fil-livell nazzjonali;

- **Fl-2023, se tibda diskussjonijiet fost l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati bil-ħsieb li tħejji *vademecum* dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd sabiex ittejjeb it-trasparenza, tippromwovi prattiki tas-sajd sostenibbli fl-UE, u tappoġġa lis-sajjieda fuq skala żgħira u kostali.**

[38] https://www.eumofa.eu/

[39] Id-Direttiva 2014/89/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 li tistabbilixxi qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu

5. NADATTAW GĦAT-TRANŻIZZJONI TAL-INTERESSI TAS-SAJD LIL HINN MILL-ILMIJIET TAL-UE

L-iżviluppi politiċi u ġeopolitiċi reċenti, bħall-Brexit u l-gwerra brutali tar-Russja kontra l-Ukrajna, enfasizzaw l-impatt tal-kuntest ġeopolitiku li qiegħed jinbidel fl-Ewropa fuq il-politika tas-sajd tal-UE, kif ukoll ir-rabta mill-qrib tagħha mas-sigurtà marittima. Iż-żewġ avvenimenti wasslu għal bidla fl-interessi tal-flotot tas-sajd ta' ċerti Stati Membri, iżda wkoll fl-interessi ta' stati kostali oħrajn, b'impatt fuq ir-relazzjonijiet bejn l-istati kostali fiż-żona tas-sajd.

Id-dinamika tar-relazzjonijiet tas-sajd mal-istati kostali u bejniethom fl-Atlantiku tal-Grigal tfasslet mill-ġdid b'mod sostanzjali. Qabel il-Brexit, l-UE kienet timmaniġġa 10 qabdiet totali permissibbli (TACs) flimkien man-Norveġja u tliet stokkijiet mal-istati kostali. Illum, hemm 76 TAC ulterjuri kondiviżi ma' pajjiżi mhux tal-UE, b'seba' TACs kompletament fl-ilmijiet tar-Renju Unit (filwaqt li l-UE għandha drittijiet tas-sajd għal dawk). Din is-sitwazzjoni l-ġdida ħolqot sfidi addizzjonali biex jintlaħqu l-objettivi u l-prinċipji ewlenin tal-PKS. Wara l-Brexit, il-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (TCA) jipprovdi l-istruttura għar-relazzjoni bilaterali bejn l-UE u r-Renju Unit. Jintegra aspetti tas-sajd u tal-kummerċ u jistabbilixxi l-qafas għal konsultazzjonijiet annwali mar-Renju Unit għall-istabbiliment ta' opportunitajiet tas-sajd għall-istokkijiet kondiviżi. L-UE qiegħda tiffinalizza wkoll ftehim qafas trilaterali ġdid dwar is-sajd man-Norveġja u mar-Renju Unit. Dan se joħloq pjattaforma ġdida għall-kooperazzjoni trilaterali fil-Baħar tat-Tramuntana, bi spunti għall-kooperazzjoni, għall-gruppi ta' ħidma u għall-konsultazzjonijiet annwali dwar l-istokkijiet kondiviżi trilateralment tagħna. Dawn l-istrutturi eżistenti għandhom jgħinu fl-iżvilupp ta' miżuri ta' ġestjoni għal kwistjonijiet speċifiċi, filwaqt li jirrikonoxxu l-awtonomija regolatorja tal-partijiet.

L-aggressjoni militari bla ħniena tar-Russja kontra l-Ukrajna reġgħet ġabet il-gwerra fl-Ewropa, b'perikli ġodda u b'effetti negattivi mifruxin fuq is-sigurtà marittima, li qiegħda tiffaċċja sfidi minn tilwimiet territorjali, minn kompetizzjoni għar-riżorsi naturali u minn theddid għal-libertà ta' navigazzjoni. Dan qiegħed joħloq tensjonijiet ġodda fil-baċiri tal-baħar Ewropej. F'kuntest ġeopolitiku li qiegħed jinbidel bħal dan, l-UE se ssaħħaħ il-kooperazzjoni ma' sħab tal-istess fehma fil-viċinat tagħha stess u f'żoni marittimi oħrajn ta' importanza strateġika. Issospendiet il-konsultazzjonijiet bilaterali mar-Russja għall-Baħar Baltiku, kif ukoll il-kuntatti fir-rigward tal-RFMOs u l-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed.

Is-sitwazzjoni tas-sigurtà marittima li qiegħda tevolvi fil-Baħar l-Iswed qed ikollha implikazzjonijiet ekonomiċi negattivi għas-sajjieda u għall-komunitajiet kostali fl-Istati Membri tal-UE kkonċernati. Minħabba t-theddid għas-sigurtà, il-gwerra fl-Ukrajna rriżultat fi tfixkil fl-attivitajiet tas-sajd, pereżempju, minħabba mini galleġġanti mitluqin mal-kurrent. Wasslet ukoll għal telfien tal-bijodiversità, rifless b'mod partikolari minn żieda inkwetanti fil-mortalità taċ-ċetaċji tal-Baħar l-Iswed.

Ir-rabta bejn it-tibdil fil-klima, id-degradazzjoni ambjentali taż-żoni kostali u marittimi, u s-sigurtà marittima se tiġi indirizzata fl-aġġornament li ġej tal-istrateġija Ewropea għas-sigurtà

marittima u fil-pjan ta' azzjoni tagħha, kif ukoll fil-Komunikazzjoni Konġunta li ġejja dwar it-Tibdil fil-Klima, id-Degradazzjoni Ambjentali, is-Sigurtà u d-Difiża.

Il-Kummissjoni:

- **Fl-2023, se taġġorna l-istrateġija Ewropea għas-sigurtà marittima u l-pjan ta' azzjoni tagħha;**

- Se tippreżenta **Komunikazzjoni Konġunta dwar it-Tibdil fil-Klima, id-Degradazzjoni Ambjentali, is-Sigurtà u d-Difiża.**

6. IL-PKS BIEX TISFRUTTA L-POTENZJAL TAL-INNOVAZZJONI U TAL-INVESTIMENT SOSTENIBBLI

Il-profittabbiltà u l-attraenza tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jiddependu wkoll fuq il-kapaċità tagħhom li jinnovaw u jinvestu. Jidher ċar li hemm bżonn ta' innovazzjoni sostenibbli u ta' investiment strutturali fil-katina tal-valur, speċjalment fir-rigward tat-titjib tal-effiċjenza enerġetika, tal-mixja lejn irkaptu tas-sajd aktar sostenibbli, tat-tnaqqis tal-impronta ambjentali u klimatika, tat-titjib tas-sikurezza u tal-promozzjoni tal-benessri fuq ix-xogħol. Il-ġenerazzjoni li jmiss ta' bastimenti tas-sajd u ta' farms tal-akkwakultura se jkollha topera b'anqas impatt, bl-użu ta' anqas riżorsi.

Barra minn hekk, l-innovazzjoni teknoloġika hija kruċjali għall-iżvilupp ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju u għall-promozzjoni tad-diversifikazzjoni ekonomika. It-teknoloġija diġitali tista' tipprovdi vantaġġ kompetittiv lis-sajjieda u lill-bdiewa tal-akkwakultura, filwaqt li ttejjeb ukoll il-ġbir tad-*data*, il-kontroll u l-infurzar, it-traċċabbiltà u l-informazzjoni għall-konsumatur u toħloq ġenerazzjoni ġdida ta' impjiegi. Tagħmel is-sajd u l-akkwakultura aktar effiċjenti, tiffaċilita l-bejgħ dirett u trawwem kontroll u monitoraġġ tas-sajd trasparenti, effiċjenti u faċli għall-utenti. Xi eżempji huma sistemi ta' monitoraġġ elettroniku mill-bogħod (REM), bħat-televiżjoni b'ċirkwit magħluq u s-sensuri, l-intelliġenza artifiċjali, l-analiżi awtomatizzata tad-*data*, il-kejl kontinwu u r-reġistrazzjoni tal-potenza tal-magna, u droni sabiex tiġi żgurata s-sorveljanza. It-teknoloġija diġitali tippreżenta wkoll opportunitajiet għall-ġbir ta' firxa usa' ta' *data* sabiex jiġu infurmati l-proċessi xjentifiċi u tat-teħid ta' deċiżjonijiet, jiġu ssimplifikati l-proċessi u jitnaqqas il-piż amministrattiv fuq l-operaturi fil-proċess tal-ġbir tad-*data*. Dan huwa kruċjali għat-trawwim ta' kundizzjonijiet ekwi u għall-għoti ta' fluss kostanti ta' informazzjoni ta' kwalità dwar l-istokkijiet tal-ħut, il-preferenzi tal-konsumaturi u l-kundizzjonijiet ambjentali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-programmi tal-FEMSA tagħhom jagħtu l-kontribut mistenni għall-innovazzjoni, għad-diġitalizzazzjoni u għat-tranżizzjoni tal-enerġija fil-ktajjen tal-valur tas-sajd u tal-akkwakultura, filwaqt li jikkomplementaw lil Orizzont Ewropa u l-missjoni tiegħu "Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030". Pereżempju, id-Digital Twin Ocean Ewropew se jikkombina d-*data*, il-mudelli u teknoloġiji diġitali oħrajn, filwaqt li jipprovdi input ibbażat fuq l-għarfien rilevanti għall-ġestjoni tas-sajd. Il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri sabiex jikkontribwixxu għall-iżvilupp ta' din is-sistema ta' għarfien diġitali, b'mod partikolari billi jagħmlu d-*data* ta' monitoraġġ u l-għodod ta' valutazzjoni tagħhom disponibbli permezz tad-Digital Twin Ocean Ewropew u tħeġġiġhom jagħmlu użu mill-proġetti tal-missjoni u minn azzjonijiet oħrajn sabiex itejbu l-kapaċità ta' monitoraġġ tal-baħar tagħhom.

Huwa neċessarju li jkomplu jiġu żviluppati u ttestjati teknoloġiji u tekniki ġodda, li jiġu estiżi, li jiġi żviluppat suq għalihom, u li dawn isiru affordabbli għall-investituri. Il-partijiet ikkonċernati għandhom itejbu l-kollaborazzjoni tagħhom dwar proġetti innovattivi billi jaqsmu l-aħjar prattiki u jiżviluppaw b'mod konġunt teknoloġija ġdida. Għandhom jisfruttaw il-proċessi u l-kanali ta' kollaborazzjoni eżistenti. Pereżempju, l-"istrateġiji intelliġenti ta' speċjalizzazzjoni" huma faċilitatur b'saħħtu tal-innovazzjoni fil-livell reġjonali li jista' jippromwovi l-kompetittività tal-katina tal-valur tas-sajd u tal-akkwakultura u jappoġġa l-iżvilupp teknoloġiku tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa dan il-proċess permezz tal-pjattaforma tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għall-ekonomija blu sostenibbli[40]. Nediet ukoll l-Osservatorju tal-UE tal-Ekonomija Blu sabiex jipprovdi informazzjoni kważi f'ħin reali u indikaturi soċjoekonomiċi ewlenin dwar l-ekonomija blu tal-UE[41]. Punt importanti ħafna huwa li l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati għandhom jużaw is-sorsi ta' finanzjament disponibbli sabiex jidentifikaw opportunitajiet mhux sfruttati għan-negozju, għall-investiment u għall-għarfien, kif ukoll sabiex jibbenefikaw mill-faċilitajiet ta' riċerka tal-UE.

Sabiex tħeġġeġ u tappoġġa dan il-proċess, il-Kummissjoni se toħloq premju annwali għall-innovazzjoni sostenibbli fis-sajd. Se turi l-aħjar prattiki mis-settur u tiffaċilita t-tixrid tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tistieden lill-Kunsilli Konsultattivi sabiex jipproponu l-kriterji għall-aġġudikazzjoni u l-kriterji għall-għażla ta' ġurija indipendenti.

L-innovazzjoni għandha twassal għall-investiment u tiġġenera prospetti għall-profittabbiltà. Kif enfasizzat fil-Komunikazzjoni dwar l-Inizjattiva għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija, huwa neċessarju li jittaffa l-kontribut tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura għat-tibdil fil-klima u li titnaqqas id-dipendenza għalja tiegħu fuq il-fjuwils fossili. Biż-żieda enormi fil-prezzijiet tal-enerġija esperjenzata fl-2022, il-biċċa l-kbira tas-settur għadha f'riskju li ssir ekonomikament insostenibbli. Għalhekk, l-aċċellerazzjoni tat-tranżizzjoni tal-enerġija tal-katina tal-valur għandha tiffoka fuq it-tnaqqis tal-kostijiet operazzjonali tal-enerġija, filwaqt li fl-istess ħin tikkontribwixxi b'mod pożittiv għall-objettivi ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti, ta' tnaqqis tat-tniġġis u tal-bijodiversità tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. L-adozzjoni tat-teknoloġija eżistenti (eż. elettrika, ibrida, eolika u solari) jeħtieġ li taċċellera, filwaqt li r-riċerka u l-ittestjar tat-teknoloġija emerġenti (eż. l-idroġenu) jeħtieġ li jingħataw spinta.

B'mod ġenerali, huma meħtieġa investimenti addizzjonali fid-disinn, fit-teknoloġiji u fis-soluzzjonijiet avvanzati sabiex il-"bastimenti tal-futur" isiru aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija, b'selettività, b'ottimizzazzjoni u bi preċiżjoni akbar tas-sajd. L-istess jgħodd għall-"farm tal-akkwakultura tal-futur" li jżid il-produzzjoni tal-frott tal-baħar bil-qoxra u tal-algi, u b'hekk titnaqqas l-impronta ambjentali u klimatika tal-akkwakultura. Il-finanzjament pubbliku tal-UE jista' jiffaċilita investimenti bħal dawn. Sabiex jiġu indirizzati xi wħud minn dawn l-isfidi, l-Inizjattiva għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija tippreżenta qafas abilitanti, li jidentifika u jindirizza l-ostakli, u joħloq strutturi għal kooperazzjoni fit-tul f'dan il-qasam.

Minbarra l-innovazzjoni teknoloġika, għandhom jiġu promossi prattiki tajbin li jwasslu għat-tnaqqis fl-impronta klimatika u ambjentali tas-sajd u tal-akkwakultura. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Linji Gwida Strateġiċi tal-UE dwar l-Akkwakultura[42], il-Kummissjoni se

[40] https://s3platform.jrc.ec.europa.eu/
[41] https://blue-economy-observatory.ec.europa.eu/index_mt
[42] Ara *supra* n-nota 30 f'qiegħ il-paġna

tħejji dokument ta' gwida dwar il-prestazzjoni ambjentali. Se jkopri, pereżempju, l-użu ta' sorsi ta' proteini sostenibbli għall-għalf, l-effiċjenza fl-għalf, l-effiċjenza enerġetika u l-użu ta' riżorsi rinnovabbli, kif ukoll il-promozzjoni ta' produzzjoni tal-akkwakultura ta' livell trofiku baxx, bħat-trobbija tal-molluski u tal-algi u sistemi tal-akkwakultura multitrofika integrata[43].

Sabiex jittejjeb l-użu mill-flotta tas-sajd ta' teknoloġiji ġodda u, meta jitqies li xi whud minnhom huma aktar tqal u jeħtieġu aktar spazju minn dawk tradizzjonali, huma meħtieġa wkoll riflessjonijiet dwar il-volum[44] abbord, li huwa wkoll parametru importanti għat-titjib tas-sikurezza u tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-PKS tippermetti investiment privat f'bastimenti ġodda, sostenibbli u sikuri, filwaqt li tiżgura li ma jkun hemm l-ebda żieda fil-kapaċità tas-sajd ġenerali tal-flotta. L-Istati Membri jistgħu jallokaw il-kapaċità tas-sajd tagħhom b'mod flessibbli, fi ħdan limitu stabbilit mill-PKS u soġġett għall-iskema ta' dħul/ħruġ (jiġifieri kwalunkwe kapaċità li tidħol fil-flotta trid tiġi kkumpensata bi tnaqqis ekwivalenti tal-kapaċità). Kif enfasizzat fl-evalwazzjoni tal-2019 tal-iskema ta' dħul/ħruġ[45], diversi Stati Membri għandhom marġni bejn il-kapaċità attiva tal-flotot tagħhom u l-limitu massimu tal-kapaċità tas-sajd tagħhom. Jistgħu u għandhom jallokaw dan il-marġni, fejn meħtieġ, sabiex jiffaċilitaw il-modernizzazzjoni tal-flotta. F'dan il-qafas, kwalunkwe riallokazzjoni tal-kapaċità għandha tirrikjedi monitoraġġ affidabbli tal-kapaċità, inkluża l-potenza tal-magna[46].

Il-Kummissjoni:

- Tistieden **lill-Istati Membri**, **sabiex mill-2023** iżidu t-trasparenza u l-flessibbiltà tal-ġestjoni tal-kapaċità tas-sajd tagħhom, f'kooperazzjoni mas-settur, u sabiex jiffaċilitaw ir-riallokazzjoni possibbli tagħha meta tkun meħtieġa għal investiment strutturali abbord, inkluż b'appoġġ finanzjarju tal-UE u nazzjonali, meta eliġibbli;

- Tħeġġeġ lis-**Sħubija għat-Tranżizzjoni tal-Enerġija** (stabbilita taħt l-inizjattiva għat-tranżizzjoni tal-enerġija**), lill-Kunsilli Konsultattivi u lis-sħab soċjali**, **sal-2024**, sabiex jagħmlu proposti konkreti, prattiċi u sostenibbli għall-modernizzazzjoni tal-bastimenti sabiex itejbu s-sikurezza, l-effiċjenza enerġetika u l-kundizzjonijiet tax-xogħol abbord;

- Tistieden **lill-Kunsilli Konsultattivi** sabiex jikkontribwixxu fl-2023 għall-ħolqien ta' premju annwali għall-innovazzjoni sostenibbli fis-sajd, bil-ħsieb li dan jingħata għall-ewwel darba fl-**2024**;

- Tistieden lill-Istati Membri jappoġġaw l-innovazzjoni u jippromwovu prattiki tajbin fl-akkwakultura, kif ukoll il-produzzjoni tal-akkwakultura ta' livell trofiku baxx bħat-trobbija tal-molluski u tal-algi u s-sistemi tal-akkwakultura multitrofika integrata (IMTA).

43 COM(2022) 592 final u COM(2021) 236 final

44 Il-volum (espress f'"tunnellaġġ gross") huwa wieħed mill-parametri tad-definizzjoni tal-kapaċità tas-sajd, flimkien mal-potenza (espressa f'kW)

45 SWD(2019) 312 final

46 Il-Kummissjoni Ewropea, Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd, Study on engine power verification by Member States: final report, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019, https://data.europa.eu/doi/10.2771/945320

7. PKS – DEĊENNJU TA' RIŻULTATI TANĠIBBLI

Ir-riforma tal-2013 tal-PKS kienet rivoluzzjoni. Bil-proċedura leġiżlattiva ordinarja estiża għas-sajd, il-koleġiżlaturi qablu dwar qafas leġiżlattiv ġdid li, għall-ewwel darba, ġabar flimkien id-dimensjonijiet soċjali, ekonomiċi u ambjentali tal-politika tas-sajd tal-UE. Ippermetta żieda fis-sjieda, inkluż fil-livell reġjonali, u kooperazzjoni mtejba bejn is-settur tas-sajd rilevanti u partijiet ikkonċernati oħrajn.

Deċennju wara, naraw progress tanġibbli lejn sajd aktar sostenibbli fil-prattika. Is-sajjieda, is-soċjetà ċivili, l-Istati Membri u l-UE kkontribwew għall-bini mill-ġdid tal-istokkijiet kritiċi tal-ħut tal-UE u sabiex il-flotot jinġiebu f'livelli profittabbli. Fl-2009, l-UE kellha biss ħames stokkijiet ta' ħut maħsuda b'mod sostenibbli, fl-2022 hemm aktar minn 60, u t-titjib ikompli. Il-pjanijiet ta' ġestjoni pluriennali b'objettivi ambizzjużi ta' sostenibbiltà issa jipprovdu l-bażi għal teħid ta' deċiżjonijiet annwali koerenti dwar l-opportunitajiet tas-sajd. Is-sajjieda qegħdin ikomplu bl-isforzi tagħhom sabiex jagħmlu l-attivitajiet tagħhom aktar selettivi bl-għan li jnaqqsu l-impatt tagħhom fuq l-ambjent tal-baħar[47].

Dan it-titjib f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, flimkien ma' żieda fil-prevedibbiltà bis-saħħa ta' qafas leġiżlattiv stabbli, wassal għal prestazzjoni ekonomika mtejba mill-2013[48]. Hemm evidenza qawwija[49] li l-PKS irriżultat ukoll fi swieq tal-frott tal-baħar effiċjenti u organizzati tajjeb li jikkontribwixxu għat-trasparenza u għall-istabbiltà tal-katina tal-provvista u, għalhekk, għall-provvista tal-ikel.

Bil-qafas robust tagħha tal-ġestjoni tas-sajd, l-UE tagħti wkoll eżempju fit-tmexxija tas-sajd sostenibbli fid-dinja kollha. Pereżempju, l-isforzi tal-UE kienu strumentali fl-istabbiliment ta' qafas ta' governanza ġdid u ambizzjuż fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed.

L-UE xprunat ukoll 'il quddiem l-aġenda tal-RFMOs, li tejbu b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà bis-saħħa tas-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll tas-sajd tagħhom. Fl-2021, 54 minn 55 miżura ta' konservazzjoni adottati mill-RFMOs għall-ġestjoni tal-istokkijiet taħt il-kompetenza tagħhom kienu konformi mal-parir xjentifiku. L-UE kienet ukoll favur it-tisħiħ tal-ħidma tal-ILO dwar l-aspetti soċjali f'diversi RFMOs[50]. Fil-Mediterran u fil-Baħar l-Iswed, l-istrateġija

---

47 L-eżempji jinkludu l-irkaptu l-ġdid għall-pixxiċatt introdott fil-Baħar Baltiku, ix-xbieki l-ġodda fil-Baħar l-Iswed fis-sajd għall-barbun imperjali sabiex titnaqqas il-qabda aċċessorja ta' speċijiet sensittivi, u l-irkaptu l-ġdid tal-qiegħ fis-sajd għall-gambli tal-fond, li naqqas l-impatt fuq qiegħ il-baħar u l-konsum tal-fjuwil fil-Mediterran. Fil-Mediterran, l-esperjenza taż-żona marina protetta ta' Columbretes fi Spanja u taż-żona ristretta għas-sajd fil-Fossa Jabuka/Pomo fil-Baħar Adrijatiku huma wkoll eżempji ta' kif għandhom jiġu involuti l-atturi kollha fl-iżvilupp u fl-implimentazzjoni tal-miżuri ta' ġestjoni. Dan witta t-triq għal ħidma sinifikanti fil-GFCM fir-rigward tal-istabbiliment ta' 10 żoni ristretti għas-sajd fil-Mediterran.

48 Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd, *The 2022 annual economic report on the EU fishing fleet (STECF 22-06)*, Virtanen, J.(editur), Guillen, J.(editur), Prellezo, R.(editur), Sabatella, E.(editur), l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022

49 Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill - L-Implimentazzjoni tar-Regolament dwar l-OKS, COM (2023)101

50 bħall-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (ICCAT), il-Kummissjoni għas-Sajd fil-Punent tal-Paċifiku u l-Paċifiku Ċentrali (WCPFC) u l-Kummissjoni dwar it-Tonn tal-Oċean Indjan (IOTC)

tal-GFCM 2030 għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipju ta' xogħol deċenti, inkluż permezz ta' kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u sikuri u aċċess għall-protezzjoni soċjali.

Barra minn hekk, l-involviment tal-UE kien kruċjali sabiex it-tonna tinġieb mix-xifer ta' kollass għal livelli sostenibbli. 87 % tal-qabdiet tat-tonn kummerċjali fid-dinja issa ġejjin minn stokkijiet f'livelli tajbin ta' abbundanza. Fir-rigward tal-istokkijiet mistada mill-flotta tal-UE, 17 minn 20 stokk tat-tonn u simili għat-tonn taħt il-kompetenza tal-RFMOs huma ġestiti b'mod sostenibbli.

L-UE kellha wkoll rwol ewlieni fil-progress deċiżiv tal-Konferenza Internazzjonali dwar id-Diversità Bijoloġika tal-Baħar ta' Żoni Lil Hinn mill-Ġuriżdizzjoni Nazzjonali (BBNJ). Hija tmexxi l-Koalizzjoni ta' Ambizzjoni Għolja ta' 50 pajjiż, u se tagħmel l-isforzi neċessarji kollha sabiex tiżgura li jintlaħaq ftehim rapidu u ambizzjuż fl-2023. Bl-istess mod, l-UE kienet strumentali fil-konklużjoni tal-Ftehim għall-Prevenzjoni tas-Sajd mhux Regolat fl-Ibħra Miftuħa fl-Oċean Artiku Ċentrali fl-2018 u fil-Ftehim tad-WTO dwar il-projbizzjoni ta' ċerti sussidji għas-sajd fl-2022. L-UE qiegħda tmexxi wkoll sforzi sabiex jiġu ddeżinjati MPAs ġodda fuq skala kbira fl-Oċean tan-Nofsinhar. It-tmexxija internazzjonali tal-UE għenet ukoll sabiex jiġi żgurat progress fil-ġlieda kontra s-sajd IUU, li għalih uriet l-ogħla rekord ta' prestazzjoni. Barra minn hekk, l-SFPAs ma' pajjiżi mhux tal-UE jipprovdu benefiċċji reċiproċi kemm għall-UE kif ukoll għall-pajjiżi sħab u għall-popolazzjonijiet tagħhom. L-SFPAs l-aktar reċenti jinkludu klawżoli dwar id-drittijiet tal-bniedem u jintegraw aktar il-ħtiġijiet tal-popolazzjonijiet lokali.

Għall-akkwakultura, ir-riforma tal-PKS tal-2013 introduċiet għodod ġodda għall-promozzjoni tal-akkwakultura sostenibbli. Flimkien mal-finanzjament tal-UE, dan ippermetta progress f'termini ta' sostenibbiltà u ta' kompetittività ta' dan is-settur importanti. Fl-2021, il-Kummissjoni adottat linji gwida strateġiċi ġodda[51], u l-Istati Membri, meta rilevanti, aġġornaw il-pjanijiet strateġiċi nazzjonali tal-akkwakultura tagħhom kif xieraq.

Ir-Regolament PKS tal-2013 jipprovdi l-istabbiltà meħtieġa mis-settur tas-sajd. Il-pedamenti tagħha għadhom is-sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika, il-kooperazzjoni reġjonali effettiva u t-teħid ta' deċiżjonijiet ibbażat fuq ix-xjenza. Dawn huma aktar rilevanti minn qatt qabel sabiex jiġu żgurati l-produzzjoni lokali tal-ikel u t-tnaqqis tal-impatti ambjentali u tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra. Il-bini mill-ġdid tal-istokkijiet tal-ħut 'il fuq mil-livelli tal-MSY għadu l-bażi għall-ilħuq ta' dawn l-objettivi.

Madankollu, għad hemm diversi sfidi sabiex il-PKS tiġi implimentata bis-sħiħ. Hija meħtieġa trasformazzjoni aktar rapida u strutturali sabiex jitnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi tas-sajd u tal-akkwakultura. Dan huwa neċessarju sabiex jiġi rrestawrat ambjent tal-baħar f'saħħtu u tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel, kif ukoll sabiex is-settur jiġi megħjun isir aktar reżiljenti, iżid l-effiċjenza enerġetika u jikkontribwixxi għall-ilħuq malajr ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti. Dan se jgħin sabiex jiġu ffrankati l-kostijiet tal-fjuwil u sabiex tistagħna l-enerġija ekoloġika.

Din il-Komunikazzjoni tindika numru ta' elementi speċifiċi tal-PKS, li fihom l-implimentazzjoni jeħtieġ li tissaħħaħ u/jew huma meħtieġa valutazzjonijiet u riflessjonijiet ulterjuri sabiex jiġi żgurat li s-settur, is-soċjetà inġenerali u n-natura jkunu jistgħu

[51] Ara *supra*, in-nota f'qiegħ il-paġna 30

jibbenefikaw bis-sħiħ mill-potenzjal enormi ta' din il-politika. Xi wħud minn dawn l-elementi huma indirizzati wkoll f'aktar dettall fil-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar u fl-inizjattiva għat-tranżizzjoni tal-enerġija.

Dawn jikkonċernaw b'mod speċjali:

- l-obbligu ta' ħatt l-art u l-kostijiet u l-benefiċċji tiegħu għas-soċjetà u għas-sajjieda;
- il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni ambjentali u għas-sistema ta' governanza relatata;
- it-titjib tal-bażi tal-għarfien u t-tisħiħ tal-approċċ ibbażat fuq l-ekosistemi, filwaqt li jitqiesu l-objettivi kemm soċjoekonomiċi kif ukoll ambjentali;
- il-futur tal-professjoni u t-tiġdid ġenerazzjonali;
- l-użu tal-opportunitajiet ta' riċerka u ta' finanzjament tal-UE;
- l-allokazzjoni tal-kwoti fil-livell nazzjonali u t-trasparenza tal-proċess;
- il-qafas tal-kapaċità tal-flotta u r-rilevanza tiegħu għall-investimenti strutturali abbord, inkluż b'appoġġ għat-tranżizzjoni tal-enerġija tas-settur;
- it-titjib tal-iżvilupp ta' indikaturi soċjali sabiex tiżdied ir-robustezza tar-rapporti soċjoekonomiċi li jintużaw fit-tħejjija tal-miżuri ta' ġestjoni u ta' konservazzjoni tas-sajd.

8. "PATT DWAR IS-SAJD U L-OĊEANI" LI JWITTI T-TRIQ GĦALL-FUTUR

Filwaqt li tibni fuq il-progress miksub mill-aħħar riforma tagħha fl-2013, il-PKS tal-futur hija politika li tippermetti u tappoġġa: (i) is-sajd u l-akkwakultura f'sinerġija man-natura; (ii) bastimenti tas-sajd u farms tal-akkwakultura li joperaw b'anqas impatt u b'anqas riżorsi; (iii) il-kontribut tal-frott tal-baħar għas-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza u tas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-ikel fl-UE; kif ukoll (iv) sajjieda u bdiewa tal-akkwakultura li jistgħu jsibu sodisfazzjon, rikonoxximent u benesseri ekonomiku fil-professjoni tagħhom.

PKS li hija valida għall-futur jeħtieġ li taħseb għas-sajjieda u għall-bdiewa tal-akkwakultura li huma inċentivati u appoġġati sabiex jinnovaw u jużaw l-aħħar teknoloġija. L-innovazzjoni se tagħmel l-attivitajiet tas-sajd u tal-biedja aktar effettivi u profittabbli, filwaqt li tiżgura provvista tal-ikel b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju u tikkontribwixxi għas-saħħa tal-oċeani u tal-ilmijiet, u għas-sostenibbiltà tas-sistema tal-ikel. Protezzjoni aħjar tal-ekosistemi tal-baħar se tgħinna wkoll inkampaw mal-impatti inevitabbli tat-tibdil fil-klima, bħall-mewġ tas-sħana fl-ibħra, it-tibdil fil-kundizzjonijiet trofiċi u l-aċidifikazzjoni.

Il-bastimenti u l-farms tal-ħut tal-futur se jeliminaw id-dipendenza tas-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura fuq il-fjuwils fossili u se jsiru ħafna aktar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Il-bastimenti se jitħaddmu b'enerġiji u bi fjuwils rinnovabbli, bi propulsjoni nadifa u newtrali għall-enerġija, u b'hekk jindirizzaw it-tibdil fil-klima u t-tniġġis fil-baħar. Se jkunu wkoll aktar selettivi u jagħmlu s-sajd aktar effiċjenti bis-saħħa tal-aħħar teknoloġiji għas-sajd ta' preċiżjoni. Fl-aħħar nett, il-PKS se tappoġġa lis-sajjieda tal-futur li se jużaw irkapti tas-sajd aktar sostenibbli u se tkun aktar aġli fid-dawl tat-tibdil fil-klima, tat-telfien tal-bijodiversità u tal-bidliet fil-baħar, kapaċi jaqilbu temporanjament għal attivitajiet oħrajn tal-ekonomija blu u għas-servizzi pubbliċi sabiex itaffu l-pressjoni fuq ir-riżorsi tal-ħut. Is-sajd se jkun innovattiv u sikur, u jipprovdi s-servizz prezzjuż ta' kustodja tal-baħar.

Il-punt tat-tluq huwa li tiġi żgurata implimentazzjoni xierqa tar-rekwiżiti leġiżlattivi eżistenti sabiex id-*data*, l-għarfien u l-kontribut kollha jkunu disponibbli sabiex jikkontribwixxu għal riflessjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha. Kif dettaljat fid-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja din il-Komunikazzjoni, il-partijiet ikkonċernati qegħdin isaħħu l-kooperazzjoni tagħhom sabiex jilħqu l-objettivi tal-PKS, u dan iwitti t-triq għal kooperazzjoni siewja fis-snin li ġejjin.

Il-konsultazzjoni estensiva mal-partijiet ikkonċernati mwettqa sabiex titħejja din il-Komunikazzjoni għamlitha ċara ħafna li s-sajd u l-akkwakultura li huma ġestiti fi spirtu ta' kooperazzjoni u ta' fiduċja bejn l-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha – il-komunità xjentifika, is-sajjieda u l-bdiewa tal-akkwakultura u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u s-soċjetà ċivili – jistgħu jiksbu riżultati ambizzjużi f'termini kemm ta' sostenibbiltà kif ukoll ta' profittabbiltà.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tistieden lill-Istati Membri, lill-partijiet ikkonċernati tas-sajd u lill-komunità xjentifika jissieħbu mal-Kummissjoni f'"Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani", filwaqt li jikkonfermaw mill-ġdid l-impenn konġunt li jimplimentaw bis-sħiħ il-politika attwali u jikkontribwixxu għar-riflessjonijiet u għall-valutazzjonijiet neċessarji ta' ċerti elementi tal-PKS. Imbagħad, dan se jikkontribwixxi għal diskussjoni bejn il-maniġers tas-sajd u l-partijiet ikkonċernati dwar il-validità fil-futur tal-politika f'termini tar-reżiljenza kemm soċjali kif ukoll ambjentali.

Il-Patt se jitfassal fuq il-bażi tal-prinċipji ewlenin li ġejjin:

- **konformità sħiħa mar-regoli eżistenti**, sabiex jiġi żgurat li s-sajd isir f'livelli sostenibbli u sabiex jitnaqqsu b'mod sinifikanti l-impatti negattivi fuq l-ekosistemi tal-baħar;
- aktar **trasparenza** f'termini ta' governanza u ta' teħid ta' deċiżjonijiet sabiex jiġi żgurat li l-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha jkunu involuti fil-proċess u jkollhom informazzjoni sħiħa dwar ir-regoli;
- **governanza mtejba,** b'rabtiet aktar mill-qrib ma' oqsma ta' politika oħrajn għall-iżvilupp ta' approċċ aktar olistiku li jindirizza wkoll pressjonijiet oħrajn fuq l-ambjent tal-baħar, u permezz ta' aktar progress fil-kooperazzjoni tal-UE ma' pajjiżi mhux tal-UE sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;
- **ir-rikonoxximent tar-rwol tas-sajjieda bħala "kustodji tal-baħar"** u l-għoti ta' qafas li jappoġġa r-reżiljenza soċjoekonomika tas-settur, is-sostenibbiltà ambjentali u t-tiġdid ġenerazzjonali;
- **approċċ li jħares 'il quddiem bis-saħħa ta' aktar riċerka u innovazzjoni**, li jippermetti lis-settur jikkontribwixxi għal emissjonijiet ta' gassijiet serra żero netti (inkluż permezz ta' "bastimenti tal-futur" u rkaptu u tekniki tas-sajd aktar sostenibbli); sabiex jiffaċilita l-iżvilupp ta' sajd ta' preċiżjoni; sabiex ifassal il-professjoni tas-sajjieda tal-futur; u sabiex jiġbor id-*data* neċessarja għall-iżviluppi futuri tal-politika.

Il-politika komuni tas-sajd attwali, flimkien ma' azzjonijiet li jirriżultaw minn din il-Komunikazzjoni, il-pjan ta' azzjoni dwar il-baħar u l-inizjattiva għat-tranżizzjoni tal-enerġija, jippermettu aktar involviment u investiment fil-futur. Il-Patt dwar is-Sajd u l-Oċeani huwa sejħa sabiex issir ħidma id f'id għat-titjib meħtieġ għall-implimentazzjoni tal-PKS fit-terminu qasir, u sabiex titnieda fażi ġdida ta' diskussjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha tas-sajd. Huwa sejħa sabiex tiġi kkalibrata l-politika, meta dan ikun neċessarju, sabiex tgħinna

nindirizzaw sfidi u realtajiet ġodda u sabiex nibnu fehim reċiproku ta' fejn irridu naslu. Jekk il-partijiet ikkonċernati kollha jingħaqdu flimkien u jagħmlu l-parti tagħhom, il-PKS se tgħin sabiex tiġi ottimizzata l-ġestjoni u ġġib magħha rebħiet kollettivi bħala tweġiba għall-isfidi dejjem akbar li qegħdin jiffaċċjaw is-sajd u l-akkwakultura, l-ekosistemi tal-baħar u l-komunitajiet kostali.